



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Frar 2018
(OR. en)

6062/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0024 (NLE)

FISC 54
ECOFIN 98

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	9 ta' Frar 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 59 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza lil-Latvja biex tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 59 final.

Mehmuż: COM(2018) 59 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.2.2018
COM(2018) 59 final

2018/0024 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lil-Latvja biex tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Skont l-Artikolu 395(1) tad-Direttiva 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (minn hawn 'il quddiem, "id-Direttiva tal-VAT"), il-Kunsill, huwa u jaġixxi unanimament fuq proposta mill-Kummissjoni jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru biex japplika miżuri speċjali għal deroga mid-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva, sabiex tiġi ssimplifikata l-proċedura tal-ġbir tal-VAT jew sabiex jiġu evitati ċerti tipi ta' evażjoni jew ta' evitar tat-taxxa.

B'ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fil-15 ta' Novembru 2017, il-Latvja talbet deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva tal-VAT sabiex tapplika l-mekkaniżmu tar-reverse charge lill-provvisti tal-konsols tal-logħob. F'konformità mal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva tal-VAT, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra, bit-talba tal-Latvja, permezz ta' ittra tat-23 ta' Novembru 2017. Permezz ta' ittra tat-24 ta' Novembru, il-Kummissjoni nnotifikat lil-Latvja li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tkun tista' tqis it-talba.

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha

Bħala regola ġenerali, l-Artikolu 193 tad-Direttiva tal-VAT jistipula li l-persuna taxxabbli li tagħmel il-provvista tal-oġġetti jew tas-servizzi normalment tkun dik responsabbli mill-ħlas tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT).

Skont l-Artikolu 199a(1) tad-Direttiva tal-VAT, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-persuna responsabbli mill-ħlas tal-VAT fuq il-provvisti elenkati f'dan l-Artikolu tkun il-persuna taxxabbli li lillha ssir il-provvista (il-mekkaniżmu tar-reverse charge). Skont il-proċedura tar-reverse charge, il-persuna taxxabbli, li lilha jsiru l-provvisti, issir dik responsabbli mill-ħlas tal-VAT. Il-persuna taxxabbli, dment li jkollu dritt sħiħ tat-tnaqqis, simultanjament jiddikjara u jnaqqas il-VAT korrispondenti tal-provvista, u b'hekk effettivament ma jsir ebda ħlas tal-VAT lit-Teżor. Il-provvisti tal-konsols tal-logħob huma inklużi fil-punt (h) tal-Artikolu 199a (1).

Il-Latvja ma għamlitx użu mill-għażla tal-Artikolu 199a (1)(h) tad-Direttiva tal-VAT u ma tapplikax il-mekkaniżmu tar-reverse charge għall-provvisti tal-konsols tal-logħob. Madankollu, minħabba l-ammont miżjud ta' frodi dan l-aħħar fis-settur tal-konsols tal-logħob fil-Latvja, dak l-Istat Membru jixtieq jintroduċi l-mekkaniżmu tar-reverse charge għall-provvisti domestiċi tal-konsols tal-logħob.

Skont l-Artikolu 199a(1) tad-Direttiva tal-VAT, il-mekkaniżmu tar-reverse charge jista' jiġi applikat sal-31 ta' Diċembru 2018 u għal perjodu minimu ta' sentejn. Billi l-kundizzjoni tal-perjodu ta' sentejn mhijiex issodisfata, il-Latvja ma tistax tapplika l-mekkaniżmu tar-reverse charge abbażi ta' dan l-Artikolu.

Konsegwentement, il-Latvja qed titlob deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva tal-VAT biex tkun awtorizzata tapplika l-mekkaniżmu tar-reverse charge għall-provvisti tal-konsols tal-logħob abbażi tal-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT.

L-għan tad-deroga mitluba huwa li ma jkunx hemm frodi tal-VAT fis-settur tal-konsols tal-logħob. Abbażi tal-għażliet stipulati fl-Artikolu 199a(1) (c), (d) u (h), mill-1 ta' April 2016, il-Latvja kienet qed tapplika l-mekkaniżmu tar-reverse charge għall-provvisti tal-mobiles, tat-tablets, tal-laptops u tal-apparati biċ-ċirkwit integrat. Ġie stabbilit li wara l-introduzzjoni tar-reverse charge għal dawn il-provvisti, l-ammont ta' frodi tal-VAT żdied għall-provvisti tal-konsols tal-logħob. Dawn il-prodotti huma partikolarment suxxettibbli għall-frodi tal-VAT billi huma relattivament żgħar, b'valur relattivament għoli u għandhom kummerċ żviluppat tajjeb fuq l-internet.

Il-Latvja stqarret li saru awditi fis-settur tal-provvisti tal-konsols tal-logħob. Ġie stabbilit li fl-2017 kien hemm 14-il kumpanija tal-isem li joperaw fis-settur tal-provvisti tal-konsols tal-logħob, li kienu jirrappreżentaw 6,4% tal-impriżi kollha f'dan is-settur. Fl-2016, mill-219-il persuna taxxabbli attiva fis-settur tal-provvisti tal-konsols tal-logħob, tmienja kienu ddikjaraw il-VAT bħala input ta' taxxa għat-tranżazzjonijiet ma' persuni taxxabbli oħra kklassifikati bħala kumpaniji tal-isem (3,7% tal-għadd totali ta' persuni rreġistrati għal skopijiet tal-VAT). Għall-prevenzjoni tal-attivitajiet frodulentli mill-operaturi ekonomiċi, is-Servizz tad-Dħul tal-Istat Latvjan (VID) jagħmel użu mill-possibbiltà li jeskludihom mir-reġistru ta' persuni soġġetti għall-VAT. Fl-2017, l-għadd ta' persuni taxxabbli attivi f'dan is-settur li ġew esklużi mir-reġistru tal-persuni soġġetti għall-VAT tal-VID żdied b'mod sinifikanti. Fl-ewwel tmien xhur tas-sena, 16-il persuna taxxabbli attivi fis-settur ġew esklużi mir-reġistru, u dan diġà huwa 88,9% tal-għadd totali eskluż fl-2016 (18-il persuna taxxabbli).

Skont l-informazzjoni li tat il-Latvja, ittieħed għadd ta' miżuri mil-Latvja biex tnaqqas u tiġġieled il-frodi tal-VAT. Pereżempju, il-cash registers ġew soġġetti għal rekwiżiti ġodda bil-għan li jeliminaw kompletament it-tneħħija tat-tranżazzjonijiet irreġistrati, għandu jingħata tqassim dettaljat tat-tranżazzjonijiet fid-dikjarazzjoni tal-VAT, tingħata wkoll attenzjoni partikolari lit-tijb tal-kontrolli ta' rutina u lil miżuri amministrattivi oħra, u ddaħħal obbligu għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u entitajiet oħra biex jinfurmaw lill-VID bit-tranżazzjonijiet suspettużi. L-adozzjoni tal-fatturi elettroniċi wkoll qed tiġi kkunsidrata. Minkejja dawn il-miżuri, il-Latvja tqis li huwa meħtieġ li jiddaħħal il-mekkaniżmu tar-reverse charge għall-provvisti tal-konsols tal-logħob sabiex ma jkunx hemm telf fid-dħul tal-VAT għall-baġit pubbliku.

Il-provvisti tal-konsols tal-logħob jitqiesu li huma suxxettibli għall-frodi u ġew inklużi fl-Artikolu 199a(1) (h) tad-Direttiva tal-VAT ħdejn it-tablets u il-laptops. Li kieku l-kundizzjoni dwar il-perjodu minimu ta' applikazzjoni ġiet issodisfata, il-Latvja kienet tkun tista' sserraħ fuq dan l-Artikolu biex tapplika l-mekkaniżmu tar-reverse charge.

Għalhekk, huwa propost li tingħata deroga għall-perjodu ta' validità tal-Artikolu 199a tad-Direttiva tal-VAT. Għalhekk, id-deroga hija proposta sal-31 ta' Diċembru 2018, jiġifieri sad-data ta' skadenza tal-Artikolu 199a tad-Direttiva tal-VAT.

- **Konsistenza ma' dispożizzjonijiet oħra fil-qasam tal-politika**

Abbażi tal-Artikolu 199a(1)(h) tad-Direttiva tal-VAT, jista' jiġi applikat il-mekkaniżmu tar-reverse charge għall-provvisti tal-konsols tal-logħob. Xi Stati Membri diġà japplikaw ir-reverse charge abbażi ta' din id-dispożizzjoni¹. Jekk il-kundizzjoni tal-perjodu minimu ta' sentejn tkun issodisfata, il-Latvja tkun tista' tapplika l-mekkaniżmu tar-reverse charge lill-provvisti tal-konsols tal-logħob mingħajr ma titlob deroga bbażata fuq l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT.

Għalhekk, il-miżura proposta hija konsistenti mad-dispożizzjonijiet eżistenti tad-Direttiva tal-VAT.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

L-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Meta titqies id-dispożizzjoni tad-Direttiva tal-VAT li fuqha hija bbażata l-proposta, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

¹ Ara l-lista ta' notifiċi tal-Kumitat tal-VAT:
http://ec.europa.eu/taxation_customs/sites/taxation/files/resources/documents/taxation/vat/key_documents/vat_committee/notifications.pdf

- **Proporzjonalità**

Id-Deċiżjoni tikkonċerna awtorizzazzjoni mogħtija lil Stat Membru fuq talba tiegħu stess u ma tikkostitwixxi l-ebda obbligu.

Minħabba l-kamp ta' applikazzjoni limitat tad-deroga, il-miżura speċjali hija proporzjonata mal-għan li qed jiġi segwit, jiġifieri ċerti tipi ta' evażjoni jew evitar fiskali f'settur speċifiku.

- **Għażla tal-istrument**

Skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT, deroga mir-regoli komuni tal-VAT hija possibbli biss bl-awtorizzazzjoni tal-Kunsill li jaġixxi unanimament fuq proposta mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, Deċiżjoni tal-Kunsill hija l-aktar strument adattat billi tista' tiġi indirizzata lil Stati Membri individwali.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Din il-proposta hija bbażata fuq talba li għamlet il-Latvja u tirrigwarda biss lil dan l-Istat Membru.

- **Il-ġbir u l-użu tal-kompetenzi**

Ma kienx hemm bżonn ta' għarfien espert estern.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni għandha l-għan li tipprevjeni ċerti forom ta' evażjoni jew ta' evitar tat-taxxa fis-settur tal-provvisti tal-konsols tal-logħob fil-Latvja. Il-mekkaniżmu tar-reverse charge għandu jgħin lil-Latvja twaqqaf iktar tifrix tal-frodi tal-VAT bil-provvisti tal-konsols tal-logħob. B'riżultat ta' dan, il-miżura ta' deroga se jkollha impatt potenzjali pożittiv.

Minħabba l-kamp ta' applikazzjoni żgħir tad-deroga u l-applikazzjoni limitata tagħha fiż-żmien, l-impatt tagħha, fi kwalunkwe każ, se jkun limitat.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni negattiva għall-baġit tal-UE.

5. ELEMENTI OĦRAJN

Il-proposta tinkludi klawżola ta' estinzjoni stabbilita sal-31 ta' Diċembru 2018.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lil-Latvja biex tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud¹,

u b'mod partikolari l-Artikolu 395(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE jipprevedi li persuna taxxabbli li tforni merkanzija jew servizzi hija, bħala regola ġenerali, responsabbli għall-ħlas tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) lill-awtoritajiet tat-taxxa.
- (2) Skont il-punt (h) tal-Artikolu 199a(1) tad-Direttiva 2006/112/KE, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-persuna responsabbli mill-ħlas tal-VAT fuq il-provvisti tal-konsols tal-logħob tkun il-persuna taxxabbli li lillha ssir il-provvista ("il-mekkaniżmu tar-reverse charge"). Il-Latvja ma tagħmilx użu minn din l-għażla, għalkemm tapplika r-reverse charge għall-provvisti tal-kompjuters tablets u laptops abbażi tal-punt (h) tal-Artikolu 199a(1) ta' dik id-Direttiva.
- (3) Minħabba l-ammont miżjud ta' frodi fis-settur tal-konsols tal-logħob fil-Latvja, dak l-Istat Membru jixtieq jintroduċi l-mekkaniżmu tar-reverse charge għall-provvisti domestiċi tal-konsols tal-logħob.
- (4) Skont l-Artikolu 199a(1) tad-Direttiva 2006/112/KE, il-mekkaniżmu tar-reverse charge jista' jiġi applikat sal-31 ta' Diċembru 2018 u għal perjodu minimu ta' sentejn. Billi l-kundizzjoni tal-perjodu ta' sentejn mhijiex issodisfata, il-Latvja ma tistax tapplika l-mekkaniżmu tar-reverse charge abbażi tal-punt (h) tal-Artikolu 199a(1) tad-Direttiva 2006/112/KE.
- (5) Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fil-15 ta' Novembru 2017, il-Latvja talbet l-awtorizzazzjoni biex tapplika miżura li tidderoga mill-Artikolu 193 ta' dik id-Direttiva sabiex tagħmel ir-riċevitur responsabbli għall-ħlas tal-VAT għall-provvista tal-konsols tal-logħob.
- (6) F'konformità mal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva 2006/112/KE, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra, bit-talba tal-Latvja, permezz ta' ittra tat-23 ta' Novembru 2017. Permezz ta' ittra tal-24 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni nnotifikat lil-Latvja li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tkun tista' tqis it-talba.
- (7) Skont l-informazzjoni mogħtija mil-Latvja, l-ammont ta' frodi tal-VAT żdied f'rabta mal-provvisti tal-konsols tal-logħob wara l-introduzzjoni tal-mekkaniżmu tar-reverse charge

¹ ĠU L 347, 11.12.2006, p.1.

għall-provvisti tal-mobiles, tat-tablets, tal-laptops u tal-apparati biċ-ċirkwiti integrati. Il-konsols tal-logħol huma partikolarment suxxettibbli għall-frodi tal-VAT billi huma relattivament żgħar, b'valur relattivament għoli u għandhom suq żviluppat tajjeb fuq l-internet. Abbażi tal-informazzjoni li bagħtet il-Latvja, iddaħħal għadd ta' miżuri konvenzjonali għall-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT. Madankollu, il-Latvja tqis li huwa meħtieġ li jiddaħħal il-mekkaniżmu tar-reverse charge għall-provvisti tal-konsols tal-logħob sabiex ma jkunx hemm telf fid-dħul tal-VAT għall-baġit pubbliku.

- (8) Għalhekk, jenħtieġ li l-Latvja tiġi awtorizzata tapplika l-mekkaniżmu tar-reverse charge għall-provvisti tal-konsols tal-logħob għal perjodu limitat.
- (9) Id-deroga ma għandha l-ebda impatt negattiv fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li ġejjin mill-VAT,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

B'deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttva 2006/112/KE, il-Latvja hija awtorizzata tiddeżinja lir-riċevitur tal-provvista bħala l-persuna responsabbli mill-ħlas tal-VAT fil-każ tal-provvisti tal-konsols tal-logħob.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha.

Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2018.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Latvja.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President